# TIPPROVA L-ASSURD

Minn
George Ebejer

Hemm xi ħwejjeġ li ma jistgħux isiru. Dawn sempliċiment mhumiex sensibbli. Jista' għasfur itir u jgħaddi minn ġo żokk ta' siġra? Tista' ħuta tgħum minn ġo ħajt solidu tal-ġebel? Jista' iljunfant idawwar it-tromba tiegħu stess madwaru u jerfa' lilu nnifsu fl-ajru? Ideat bħal dawn huma assurdi, mhux hekk?

Hekk ukoll, huwa assurd għall-bnedmin li jivvintaw ir-reliġjonijiet tagħhom stess. Għal eluf ta' snin, il-bned-min iffurmaw reliġjonijiet biex jogħġbu lilhom infushom (ara Eżodu 32:7-8; Numri 25:2-3; Dewteronomju 4:14-24; Atti 17:22-24; Rumani 1:18-25). Barra minn dan, nies ikomplu jiffurmaw ir-reliġjonijiet tagħhom stess. Xi nies saħansitra jibdew reliġjonijiet ġodda li jkunu jixbħu l-knisja tal-Mulej u jsejħu lilhom infushom Kristjaneżmu. Li timxi wara tagħlim spiritwali magħmul mill-bnedmin la huwa fiż-żgur u lanqas sensibbli. Reliġjon magħmula mill-bniedem mhijiex il-verità, u verżjonijiet li juru ħaġa b'oħra dwar il-Kristjaneżmu mhumiex il-verità.

Mela, aħna għandna nistaqsu lilna nfusna, "Huwa t-twemmin reliġjuż tiegħi tassew ġej minn Alla? Jekk le, dan huwa redikolu daqs kemm huwa li tipprova ttir u tgħaddi minn ġo zokk ta' siġra jew li tgħum u tgħaddi minn ġo ħajt solidu tal-ġebel. Xi twemmin reliġjuż huwa tassew minn Alla?

Xi nies jaħsbu lir-reliġjon vera tinvolvi biss fatti. Xi wħud jaħsbu li huma jistgħu jkunu ggwidati għall-verità permezz ta' dak biss li huma jħossu. Il-vera reliġjon tin-volvi t-tnejn, kemm l-għarfien u kemm l-emozzjoni.

Aħna għandna jkollna l-għarfien. Alla hu Spirtu, u dawk li jadurawh jadurawh fl-ispirtu u fil-verità (Ġwanni 4:24). Ġesù Kristu huwa t-triq, il-verità, u l-ħajja (Ġwanni 14:16). Twemmin (fidi) li jogħġob lil Alla jiġi mis-smigħ tal-kelma ta' Kristu (Rumani 10:17), u aħna għandna nkomplu fil-kelma Tiegħu biex inkunu nafu l-verità tas-salvazzjoni (Ġwanni 8:31-32).

Aħna wkoll għandna nħossu. Emozzjonijiet Krist-jani għandhom jinkludu mħabba ta' l-aħwa (Rumani 12: 10), qalb li tħenn (Efesin 4:32), ferħ fi Kristu (Ġwanni 17:13; Rumani 14:17; 1 Pietru 1:8), għotja bil-ferħ (2 Korintin 9:7), tama, umiltà, u biża' (1 Pietru 3:15; Mattew 10:28). L-emozzjoni mhijiex parti li ssir Kristjan, billi l-midneb għandu jindem (Luqa 13:3; Atti 2:27-38). Indiema tfisser li titlaq jew li ddur mid-dnub għaliex aħna nħossu dispjaċir, niket dwar id-dnubiet li nkunu għamilna: "Swied il-qalb kif irid Alla jnissel l-indiema għas-salvazzjoni…" (2 Korintin 7:10). L-Iskrittura turi li qalb-na ma tkunx sewwa jekk ma nħossu xejn. Per eżempju, Ġesù qal hekk dwar dan: "Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom, u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħhom, u hekk ibiddlu ħajjithomu jiena nfejjaqhom" (Mattew 13:15; Mark 3:5; Efesin 4:17-24). Kif inti taqra dawn, innota li dawn il-versi għandhom ukoll relazzjoni li titgħallem il-verità. Dan hu għaliex emozzjonijiet korretti għandhom ikunu bbażati fuq għarfien tal-verità. Fir-relazzjoni, emozzjonijiet korretti u għarfien korrett għandhom ikunu flimkien. Dawn jaġixxu fuq xulxin, waħda fuq l-oħra.

F'Rumani 10:1-3, aħna naraw ix-xewqa ta' l-appostlu Pawlu li aktar Lhud jaċċettaw il-verità ta' Kristu: "Ħuti, nixtieq tassew minn qalbi nitlob quddiem Alla għal Iżrael li jkunu salvi. Jiena xhud għalihom li huma għandhom il-ħeġġa għal Alla, iżda din m'hijiex ħeġġa skond l-għerf veru. Għax, waqt li m'għarfux il-ġustizzja ta' Alla, imma fittxew il-ġustizzja tagħhom, u għalhekk ma qagħdux għall-ġustizzja ta' Alla." Huma kellhom il-ħeġġa (emozzjoni qawwija) għal Alla, imma mhux skond l-għerf tal-ġustizzja Tiegħu, li huwa rrivelat minn Kristu (vers 4). Dak l-għerf tal-ġustizzja ta' Alla huwa l-"kelma tal-fidi" li ppriedkaw l-appostli (versi 5-8), irreġistrata għalina fit-Testment il-Ġdid. Dak l-għerf (l-għarfien) iwassal għal twemmin mill-qalb, li jinkludi l-emozzjoni (versi 9-10). Ara wkoll Filippin 3:7-11.

Skritturi oħra juru r-relazzjoni speċjali ta' l-għarfien u l-emozzjoni. Kolossin 1:9-14 juri għall-barka li tkun mimli "bl-għarfien sewwa tar-rieda ta' Alla," li jwassal għall-ferħ u ħajr. Efesin 3:8-19 jitkellem dwar Pawlu jippriedka (ixandar għarfien dwar) "l-għana bla tarf ta' Kristu" (v. 8). U Pawlu talab li dawk il-Kristjani (li jkunu tant sodi) billi jkollhom l-egħruq u l-pedament fl-imħabba (li tinvolvi l-emozzjoni) biex huma jiksbu aktar għarfien ta' l-imħabba ta' Kristu, imħabba li saħansitra tisboq jew tgħaddi kull għerf.

Diversi denominazzjonijiet jistqarru li huma Kristjani, imma jgħallmu u jsegwu dottrini li kienu deċiżi biss min-nies wara ż-żmien ta' l-appostli. X'inhuma l-għarfien veru u l-emozzjoni t-tajba? L-iskop ta' l-Iskrittura huwa biex tirrivela l-verità (Lhud 2:3-4). L-Iskrittura tforni l-għarfien lejn salvazzjoni fi Kristu u tista' tagħmilna mrawwma jew li nkunu mħejjin għal kull ħidma tajba (2 Timotju 3:16-17). Li tfittex fl-Iskrittura għal l-għarfien jista' jwassal għall-fidi t-tajba (Atti 17:11-12). Huwa essenzjali li ssegwi biss it-tagħlim ta' Kristu u ta' l-appostli ispirati Tiegħu u tal-profeti, kif għamlu l-knejjes jew kongregazzjonijiet ta' l-ewwel seklu. Il-kittieba ispirati tat-Testment il-Ġdid għallmu l-verità, mhux reliġjon magħmula mill-bnedmin (2 Pietru 1:16; ara Ġwanni 21:24). Fiż-żmien ta' l-appostli, kien hemm ħafna nies li m'aċċettawx il-verità. Huma ma kellhomx imħabba għall-verità (2 Tessalonikin 2:10-12). U l-appostlu Pawlu kien jaf li kien ġej żmien meta xi Kristjani ma kinux se jżommu mas-sewwa u jiġġerrew wara l-ħrejjef (ara 2 Timotju 4:3-4).

L-azzjonijiet u l-kliem ta' ħafna għalliema foloz juru lit-tagħlim tagħhom mhuwiex il-verità safja (Titu 1:10-16). Madankollu, huma għadhom xorta jqarrqu b'ħafna nies li m'għandhomx għarfien biżżejjed, imma jimxu fuq l-emozzjonijiet tagħhom. Nies oħra jfitt-xu l-għarfien mingħajr emozzjoni. Għalhekk aħna nsibu ħafna reliġjonijiet, diviżjonijiet fost dawk ir-reliġjonijiet, u diviżjoni fost in-nies li jistqarru li jimxu wara Kristu. Ħwejjeġ bħal dawn huma kontra r-rieda ta' Alla. Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, tgħid-ilna li "hemm ġisem wieħed u Spirtu wieħed, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda tas-sejħa tagħkom; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda, Alla wieħed u Missier kulħadd, li hu fuq kulħadd, u f'kulħadd, u ġo fikom ilkoll" (Efesin 4:4-6).

Dawk li jridu jkunu Kristjani għandhom ikunu ċerti li huma mhumiex qegħdin jiddependu fuq emozzjonijiet mingħajr l-għarfien xieraq, JEW fuq għarfien mingħajr emozzjoni. Efesin 4:13-16 juri l-importanza li tkun matur u sod fl-għerf tassew. Dan iwassal għall-emozzjojnijiet it-tajba u jgħin lill-Krist-jani jevitaw dottrini foloz.

Meta persuna żżomm reliġjon mingħajr emozzjoni, hija ma tkunx temminha għal kollox f'qalbha. Emozzjonijiet ibbażati fuq għarfa li tikber tal-verità ta' Kristu jsiru aktar sodi u assigurati. Iżda reliġjonijiet ibbażati fuq "għerf" falz jew emozzjonijiet

imqarrqa jistgħu jkunu reliġjonijiet li jinbidlu skond ix-xewqat u l-immaġinazzjonijiet tal-bnedmin. Dawn fil-fatt spiss jinbidlu. Reliġjonijiet bħal dawn li fihom twemmin li huma mmarkati b'mod żbaljat bħala li huma Kristjaneżmu, mhumiex aċċettati minn Alla: Il-Mulej Innifsu jikkundannahom dawn fejn jgħid: "Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; jgħallmu duttrina li m'hijiex għajr preċetti tal-bnedmin" (Mattew 15:9).

Aħna m'għandniex nistennew lil Alla li jaċċetta jew li japprova l-azzjonijiet tagħna fil-qima jew fil-ħajja ta' kuljum sempliċiment għaliex aħna nħossuhom tajbin. Huwa assurd li naċċettaw biss parti ta' l-għerf veru, nippruvaw li nagħmlu r-reliġjon tagħna taqbel ma' dak li aħna nħossu. L-istess, ukoll, huwa assurd li temmen biss fatti mingħajr sentimenti. Biex inkunu aċċettabbli għal Alla aħna għandna naġixxu minn emozzjonijiet korretti, li għandhom ikunu bbażati fuq għerf (għarfa) korrett mill-Iskrittura Mqaddsa. L-istess kif iljunfant ma jistax jerfa' lilu nnifsu fl-ajru, aħna ma nistgħux nerfgħu lilna nfusna fis-smewwiet bil-qawwa ta' l-għerf u l-emozzjonijiet tagħna stess. Ġeremija 10:33 jgħid: "Jien naf, Mulej, triq il-bniedem m'hijiex f'idejh, anqas min jimxi ma jista' jiddirieġi l-passi tiegħu." (ara Proverbji 14:12). "La ċċaħħadnex mill-ħniena tiegħek, Mulej: ħalli t-tjieba u sewwa tiegħek iħarsuni għal dejjem! Għax ħsarat li ma jingħaddux dawruni: ħtijieti tant rikbuni li ma nistax nara; huma aktar mix-xagħar ta' rasi: għalhekk qtajt qalbi" (Salm 40:11-12)

"Stennejt bis-sabar il-Mulej; u hu miel lejja, u sama' l-għajta tiegħi. Hu refagħni wkoll minn ħofra ta' qerda, mit-tajn maħmuġ, u qegħidli riġlejja fuq blata, u f'mixjieti saħħaħni" (Salm 40:1-2).

"Iżda dawk kollha li jfittxuk ħa jithennew u jifirħu bik: ħalli dawk li jħobbu s-salvazzjoni tiegħek jgħidu: Kbir il-Mulej" (Salm 40:16).

L-għerf jew l-għarfien korrett ta' Kristu u s-sentimenti korretti tagħna minn dak l-għarfien iwassluna biex nobdu l-Evanġelju. Ara Rumani 1:5; 6:3-5, 16-18; 10:16; 16:26; 2 Tessalonikin 1:8; 1 Pietru 1:2; 4:17. U l-grazzja ta' Alla permezz ta' Kristu tqajjimna għas-salvazzjoni. Ir-reliġjon vera, l-unika reliġjon li togħġob lil Alla, għandha kemm l-għarfien il-korrett kif ukoll l-emozzjoni l-korretta.